**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Avviż numru 246/2017 CFF**

**Jason Galea**

**vs**

**Silvio Borg**

**Illum 10 ta' Ġunju 2024**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors promutur ta' **Jason Galea** (KI 0186779) fejn espona:

B'dan inti Silvio Borg detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 466565M u residenti ġewwa 'Dar Sant' Antnin, Triq ta' Bellu, is-Siġġiewi imsejjaħ sabiex tidher quddiem il-Qorti hawn fuq imsemmija fit-23 ta' Jannar 2018 fid-9.00 ta' filgħodu, biex twieġeb għat-talba ta' Jason Galea f'ismu propju u in rappreżentanza ta' Liftman Malta, detentur tal-karta tal-identita' numru 0186779M u residenti ġewwa 9, Bienvenidos, Triq il-Bizzilla, Hal Għaxaq.

U tgħid għaliex m'għandekx tkun ikkundannat li tħallas lill-attur s-somma ta' għaxart elef, mitejn, disgħa u erbgħin Ewro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (10,249.72 ewro) piu' imgħax legali u dan rappreżentanti bilanċ mis-somma ta' erbatax-il elf u hames mitt ewro (14,500 ewro) rappreżentanti xogħlijiet magħmula mill-mittenti f'installazzjoni ta' lift ġewwa l-indirizz 26, Triq Viani tas-Sliema, hekk kif jidher mill-kuntratt u mill-invoices (rispettivament immarkati bħala dok A u dok B).

Jiġi dikjarat illi din is-somma ma teċċedix il-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

L-intimat inġunt in subizzjoni;

Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet relattivi inkluż dawk tal-ittra uffiċjali datata dsatax (19) ta' Diċembru tas-sena elfejn u sittax (2016) hawn anness u mmarkata bħala dok C.

Il-Qorti tinnota li daħlet risposta tal-konvenut **Silvio Borg** datata 4 t'Ottubru 2016 li tinsab a fol 29 tal-proċess, fejn espona:

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-kuntratt tat-8 ta' Novembru 2013 ma ġiex eżegwiet skond is-sengħa u l-arti stante illi l-lift in kwistjoni ma ġiex imħaddem mir-rikorrenti u lanqas għadu ċertifikat mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) u għalhekk it-talbiet għal ħlas huma intempestivi;
2. Illi l-intimat ħallas akkont tal-prezz permezz ta' żewġ ċekkijiet hawn annessi u immarkati bħala dokumenti SB1 u SB2 is-somma ta' 10,266 biex b'hekk il-bilanċ li talvolta huwa dovut m'għandu qatt jeċċedi s-somma ta' 6,844 ewro u dan dejjem wara ix-xogħolijiet jiġu eżegwiti skont is-sengħa u l-arti u illi l-lift jiġi ċertifikat mill-Malta Competition and Consumer Affairs Authority;
3. Illi għandu jingħad ukoll illi l-istatements annessi huma fittizji jew ta' xogħolojiet mhux magħmula jew ta' prezzijiet esaġerati li kollha jistgħu jiġu spjegati waqt it-trattazzjoni tal-kawża u li ħafna minnhom m'għandhomx x'jaqsmu mal-installazzjoni tal-lift fi Triq Viani f'tas-Sliema;
4. Salv eċċezzjonijiet oħra

Rat ix-xhieda tal-attur Jason Galea, Edward Xuereb, Silvio Borg, Erica Galea.

Rat l-atti tal-kawża u d-dokumenti eżibiti u cioè dok A u dok B, dok SB1 u dok SB2, dok JG1 u dok JG2, dok EG1.

**Ikkunsidrat:**

**Jason Galea** xehed u qal li huwa għandu kumpanija li twaħħal lifts bl-isem ta' Liftman. Fis-sena 2013 kien sar ftehim mal-konvenut Silvio Borg sabiex jitwaħħal lifet ġewwa blokka ta' appartamenti f'tas-Sliema. L-ammont tal-prezz kien ta' 14,500 eskluż il-VAT. Ma' dan il-ftehim kienu tħallsu żewġ pagamenti mingħand l-istess Silvio Borg permezz ta' żewġ ċekkijiet. Ġara li wara li kien twaħħal il-lift, kien għamillu xi xogħol ġewwa blokka oħra f'Dan Pawl-Baħar u kien ħareġ invoices għal dan ix-xogħol li kien sar iżda ma kienx tħallas tagħhom. Illi fuq il-lift ta' tas-Sliema kienu saru xi xogħol minħabba li kien inqasam pajp tal-ilma u għalhekk kien ġarrab xi ħsarat. Ix-xogħol li kien sar fuqhu kien jammonta għal 2750.82 ewro. Illi però dan il-lift qatt ma kien ġie reġistrat mal-MCCAA minħabba li l-konvenut ried jagħmel xi affarijiet min-naħa tiegħu u għalhekk wara li kien jitlesta seta' jiġi reġistrat. Illi fil-fatt esebixxa lista ta' affarijiet li kellu jagħmel il-konvenut sabiex jirranġa l-lift. Huwa kkonferma li ż-żewġ ċekkijiet li esebixxa l-istess Silvio Borg kienu l-ammont li kien ħallas.

**Edward Xuereb** xehed u ikkonferma li huwa jaħdem mal-MCAA fejn ikkonferma li l-lift li jinsab fil-propjeta' ġewwa Viani Street f'tas-Sliema ma kienx reġistrat magħhom. Huwa

spjega li r-reġistrazzjoni tiegħu irid isir min-naħa ta' min kien installa l-lift. Wara li jiġi reġistrat għall-ewwel darba wara jaqa' fuq il-persuna li huwa sid il-lift.

**Silvio Borg** qal li huwa kien ordna lift mingħand l-attur sabiex jiġi installat fil-blokka tiegħu ġewwa tas-Sliema. Huwa kien ħallas żewġ pagamenti skont il-ftehim tal-kuntratt li huwa kellu miegħu. Huwa kompla jżied li l-lift qatt ma kien ħadem tajjeb mill-ewwel ġurnata li kien twaħħal. Kompla jgħid li l-board tal-lift kellha xi ħsarat u kien l-attur li ħaraqha. Illi l-problema l-kbira kienet li skont l-attur kien hemm l-ilma fiż-żejt u dan ma setax ikun minħabba li ħadd ma kellu ilma jew dawl. Meta qallu hekk, kien hemm il-bżonn li tinbidel il-pompa skont l-attur. Meta huwa ħa din il-pompa għand ħaddieħor sabiex jara x'kien fiha irriżulta li ma kellha xejn. Illi skont l-attur il-pompa kienet issadded iżda meta ħadha għand l-attur, Silvio Borg ġie infurmat li kienet tar-ram il-partijiet ta' ġewwa u ma setgħetx tissaddad. Ġara li kien infurma lill-attur sabiex jiġi għal pompa minħabba li kienet tajba iżda ma kienx ġie għaliha. Għalkemm kien prova jiċċertifika l-lift ma ħaddieħor dan ma setgħax isir minħabba li kellu jkun min iwaħħlu li jirreġistrah. Huwa kompla jgħid li ċertu invoices li ġew esebieti m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-blokka ta' tas-Sliema.

**Jason Galea** qal li huwa kien ġie mqabbad mill-konvenut sabiex iwaħħlu lift iżda ma kienx jaf aktar fuqhu minħabba li mhux qiegħed jitħalla jidħol fil-blokka ta' tas-Sliema fejn jinsab dan il-lift. Dan il-lift ma kienx ġie reġistrat minħabba li għadu ma raħx l-inġinier. Kien sar jaf li anki kien qabbad kumpanija oħra sabiex jirreġistrah minfloku. Illi ġara li l-konvenut kien għadda pajpijiet tal-ilma minn ġol-machine room u minħabba li kien infaqa' wieħed minnhom saret ħsara fil-pompa minħabba li daħal l-ilma. Huwa esebixxa diversi ritratti sabiex juri l-ilma li kien hemm fil-machine room. Fuq talba tal-istess Silvio Borg il-lift ġie mixgħul ħalli jkun jista' jużah iżda ħallewħ hekk mixgħul. Illi huwa qal li l-lift kien ħa madwar ħames xhur biex tlesta u kien fis-sena 2015 li twaqqaf milli jerġa' jmur hemm. Meta mistoqsi jekk fil-fatt kien tkeċċa x'kienet ir-raġuni li bdew ħerġien l-invoices, huwa ma setax jiftakar eżatt id-dati bl-eżatt.

Xehedet ukoll **Erica Galea** fejn qalet li l-lift kien ġie ordnat fit-8 ta' Novembru 2013 meta ġie iffirmat il-kuntratt u l-affarijiet tiegħu bdew jaslu fl-14 ta' Diċembru 2013. Il-lift kienet ingħata lill-konvenut f'Awwissu 2014 u cioe' meta kien tlesta minn kollox. L-inġinier kien mar fuq il-post u għamel snag list u cioe' lista ta' affarijiet li kellhom isiru qabel ikun jista' jiġi ċertifikat u din kienet saret f'Diċembru 2014. Hija kienet tiftakar li kien hemm problema minħabba li kien daħal l-ilma fil-pompa u għalhekk kellha tinbidel il-pompa.

## Ikkunsidrat

Illi dan il-każ beda wara li l-konvenut kien avviċina lill-attur sabiex jixtri mingħandu lift u jiġi installat fi blokka tiegħu li tinsab ġewwa tas-Sliema. Illi kien ġie iffirmat kuntratt bejn il-partijiet dwar il-ħlas tiegħu kien ġie mifthiem prezz u kif għandu jiġi mħallas. Illi fil-fatt, Silvio Borg kien għamel żewġ pagamenti akkont tal-prezz iżda kien baqa' l-aħħar pagament. Illi fil-frattemp ġara li kien hemm xi ħsarat fuq l-istess lift u dan minħabba ilma li kien daħal fil-pompa u għalhekk kellha terġa' titwaħħal. Illi min-naħa tal-konvenut jispjega li l-pompa qatt ma kellha ħsara u ma kienx minnu li seta daħal l-ilma minħabba li kien għad ma kellux servizzi. Illi għalhekk kompla li l-ammont ma kienx dovut u ċerti invoices ma kellhom x'jaqsmu xejn mal-lift in kwistjoni. Illi għalhekk kellha tinfetaħ din il-kawża sabiex jiġi stabbiliet jekk fil-fatt l-ammont hux dovut jew le.

## Ikkunsidrat

Illi din il-Qorti m'għandhiex quddiema rapport ta' espert maħtur li eżamina dan il-lift u għalhekk il-ħsarat u dak li huwa dovut jew mhux huma skont il-verżjonijiet li taw il-kontendenti ta'dan il-każ. Illi għalhekk il-Qorti sabiex tasal għal konklużjoni trid tifli dak li ntqal bejn il-partijiet li huma ferm kontrastanti bejn xulxin. Illi l-Qorti minn dak li qrat mix-xhieda tal-istess partijiet ma tistax tasal għal konklużjoni jekk fil-fatt ix-xogħol sarx ħażin jew tajjeb. Din il-Qorti tgħid li l-mertu tal-kawża tal-lum huwa prinċipalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet tekniċi, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali. In partikolari, f'dan il-każ ma kienx hemm rapport sabiex ħejja r-rapport tiegħu. Hekk kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Fidele sive Teddy Aquilina et vs Stephen Buttigieg (***Rik Nru 317/15, Qorti tal-Appell (Superjuri), 26 t'Ottubru 2022;

> *"Fid-dawl tal-verżjonijiet kontrastanti mogħtija mill-kontendenti fil-kawża, l-ewwel Qorti kellha tqis liema miż-żewġ verżjonijiet tal-fatti hija l-aktar waħda verosimili, gwidata dejjem mill-prinċipju, li l-grad ta' prova meħtieġ fil-kamp ċivili huwa dak tal-bilanċ ta' probabbilitajiet u l-preponderanza tal-provi. Jiksbu relevanza l-kriterji ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet."*

Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) għamlet ukoll referenza għal dan il-fatt fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Chef Choice Limited vs Raymond Galea et (***Ċit Nru 2590/99, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ J R Micallef, 26 ta' Settembru 2013, konfermata mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-27 t'Ottubru 2017, fejn ġie ritenut:

> *...Huwa d-dmir tal-Qorti li tgharbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirrizultaw il-fatti essenzjali li jistghu jghinuha tasal biex issib x`kien li tassew gara u kif imxew l-affarijiet;*
>
> *Illi l-Qorti tifhem li, fil-kamp civili, il-piz probatorju m`huwiex dak ta` provi lil hinn mid-dubju ragonevoli (App. Inf. PS 7.5.2010 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil). Izda fejn ikun hemm verzjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistghu jkunu plawsibbli, il-principju ghandu jkun li tkun favorita t-tezi tal-parti li kontra taghha tkun saret l-allegazzjoni (P.A. NC 28.4.2004 fil-kawza fl-ismijiet Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et) Ladarba min kellu l-obbligu li jipprova dak li jallega ma jsehhlux iwettaq dan, il-parti l-ohra m`ghandhiex tbati tali nuqqas u dan bi qbil mal-principju li actore non probante reus absolvitur (P.A. LFS 18.5.2009 fil-kawza fl-ismijiet Col. Gustav Caruana noe et vs Air Supplies and Catering Co. Ltd). Min-naha l-ohra, mhux kull konflitt ta` prova jew kontradizzjoni ghandha twassal lil Qorti biex ma tasalx ghal decizjoni jew li jkollha ddur fuq il-principju li ghadu kemm issemma. Dan ghaliex, fil-qasam tal-azzjoni civili, l-kriterju li jwassal ghall-konvinciment tal-gudikant ghandu jkun li l-verzjoni tinstab li tkun wahda li l-Qorti tista` toqghod fuqha u li tkun tirrizulta bis-sahha ta` xi wahda mill-ghodda procedurali li l-ligi tippermetti fil-process probatorju (App. Civ. 19.6.2006 fil-kawza fl-ismijiet Emanuel Ciantar vs David Curmi noe). Fit-twettiq ta` ezercizzju bhal dak, il-Qorti hija marbuta biss li taghti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-ragunijiet u l-kriterju tal-hsieb li hija tkun haddmet biex tasal ghall-fehmiet taghha ta` gudizzju fuq il-kwestjoni*

> *mressqa quddiemha (App. Inf. 9.1.2008 fil-kawza fl-ismijiet Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et)*

Anki fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet ***Enrico Camilleri vs Martin Borg*** Appell Ċivili Nru 478/2000, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), Onor Imħ P Sciberras, 17 ta' Marzu 2003, fejn intqal hekk:

> *[K]if paċifikament akkolt fil-ġurisprudenza tagħna "l-ġudikant, fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet; imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet". (Eucharistico Zammit vs Eustrachio Petrococchino, Appell Kummerċ, 25 ta' Frar 1952; Paul Vassallo vs Carmelo Pace, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu 1986).*
>
> *Il-Qorti allura jeħtieġilha tara jekk il-versjoni l-waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq il-bilanċ tal-probabilitajiet. B'hekk ukol jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib rifuġju mir-regola ta' "in dubio pro reo".*

Illi fil-każ in eżami, l-istess attur eżebixxa diversi invoices tax-xogħol li kien sar fuq il-lift. Illi ta' min jinnota li fl-istess talba tal-attur hemm referenza speċifika fuq xogħol li kien sar fuq lift ġewwa post f'tas-Sliema. Illi ma hemm ebda referenza għal xi post ieħor ġewwa San Pawl-il Baħar. Illi għalhekk dawk l-invoices li hemm esebieti a fol 9, 10 u 11li jagħmlu referenza għax-xogħol li kien sar ġewwa San Pawl-il Baħar u mhux fuq il-lift li kien twaħħal ġewwa tas-Sliema. Illi għalhekk din il-Qorti mhux sejra tieħu konjizzjoni tagħhom. Illi huwa fatt li l-lift ma ġiex irreġistrat mal-MCAA u dan kellu jsir min-naħa ta' minn waħħal l-istess lift. Illi minħabba li ma hemmx qbil fuq l-ammont li huwa dovut dan baqa' seħħx. Illi ta' min jinnota li f'dan il-każ kien hemm ċertu nuqqasijiet jew dak li kien hemm fl-istess rapport dok EG1, li juri li kien hemm ċertu nuqqasijiet li kellhom isiru. Dan ir-rapport li kien sar fis-sena 2014 fejn juri li f'rapport ieħor fejn kienet saret spezzjoni mill-istess kumpanija tal-attur li kien għad hemm affarijiet li ma sarux (ara dok JG1).

Illi jidher li l-istess konvenut naqas milli jirranġa l-affarijiet kif hemm mitlub lilhu. Illi għalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem kif huwa qiegħed jippretendi li l-istess lift jibda jiġi użat u reġistrat meta huwa stess qiegħed jonqos milli jagħmel dak li ġie mitlub lilu. Illi mhux talli hekk anki prova jqabbad kumpanija oħra sabiex jiġi reġistrat minnhom iżda mhux mill-istess attur. Illi għalhekk jidher li l-istess konvenut naqas milli jħallas dak li huwa dovut minnu u għamel minn kollox sabiex jevita dan kollu. Illi skont l-istess ftehim li huwa stess kien iffirma kellu jħallas il-prezz f'ammont differenti skont ix-xogħol li kellu jsir. Illi però jidher li l-ammont ta' 5% u cioe' l-aħħar pagament ghal commissioning tal-istess lift kellu jkun l-aħħar pagament li kellu jsir. Illi f'dan il-każ jidher li l-garanzija li kellha tingħata mill-istess attur għadha ma ngħatatx minħabba li għadu mhux kommisjonat skont il-ftehim u għadu lanqas huwa reġistrat ma' l-awtoritajiet.

Illi għalhekk din il-Qorti tara fuq dak li hemm fl-istess ftehim fejn sejra tagħmel referenza għal dawn is-sentenzi fejn intqal hekk fis-sentenza tal-Prim'Awla tad-9 ta' Ottubru, 2003 (Ċitazzjoni Numru.1348/2000/TM) fil-kawża fl-ismijiet '**Malta International Airport p.l.c. vs Chev. Joseph M. Scicluna et noe**' fejn il-Qorti qalet is-segwenti:

> *Il-principju pacta sunt servanda huwa wiehed applikat rigorosament mill-Qrati taghna, u jekk ma tirrizultax xi cirkustanza li, skond il-ligi, tista' twassal ghat-thassir tal-kuntratt, l-istess kuntratt irid jigi esegwit miz-zewg nahat.*

Huwa prinċipju ta' dritt li meta ftehim jiġi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim għandu joħroġ mill-istess kitba. Illi għalhekk il-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun ġie mniżżel fil-kitba, u dak li jkun diskuss iżda ma jirriżultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li ġie rinunzjat (ara **Clive Simpson vs John Saliba nomine et,** PA 22/06/2004 u **Frendo vs Caruana**, App Civ 28/01/1999).

Fejn il-kitba hi ċara, dak li kien miftiehem għandu joħroġ mill-istess kitba u mhux minn dak li seta' kellhom f'moħħom il-partijiet (ara **Brincat vs Saliba**, App Ċiv 14/11/1983). Il-kunsens, veru li għandu jkun espressjoni tal-volonta' ta' dak li ta l-kunsens, pero', meta l-kunsens jingħata forma solenni ta' att pubbliku, hu preżunt li l-manifestazzjoni tal-kunsens tirrifletti l-volonta' interna tal-kuntraent. Il-prova kuntrarja, biex twaqqa' dak li jirriżulta minn att pubbliku, trid tkun ċara, inekwivoka, u konkludenti (**Grech vs Ciantar**, Qorti tal-Kummerċ 21/05/1979). Illi għalhekk l-aħħar pagament ta' 5% li kellu jitħallas ma hux dovut stante li l-istess lift għadu mhux kommisjonat. Illi għalhekk din il-Qorti tara li provi kuntrarju għal dak li ma hux dovut ma tressqux min-naħa tal-konvenut għajr fejn semma li kien ħa l-istess pompa għand xi ħadd ġewwa ż-Żebbiegħ iżda naqas milli jressqu quddiem din il-Qorti sabiex jikkonferma dawn il-fatti.

**Decide:**

**Għal dawn il-motivi kollha, taqta' u tiddeċiedi illi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Silvio Borg, u limitatament tilqa' t-talba tal-attur Jason Galea u tikkundanna lil Silvio Borg iħallas l-ammont ta' elfejn seba' mija u ħamsin ewro u tnejn u tmenin ċenteżmu għax-xogħolijiet li saru kif ukoll l-ammont dovut fuq il-lift iżda mhux għall-aħħar ħamsa fil-mija (5%) stante li għadu mhux kommissjonat u għalhekk fl-ammont ta' sitt elef u ħames mija u ewro u tmenin ċenteżmu għat-total ta' disat elef mitejn u tnejn u ħamsin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (9,252.62) għar-raġunijiet imfissrin hawn fuq, bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-istess Rikors, ċioe' mill-31 t'Awwissu 2017 inkluż tal-ispejjeż tal-ittra ufficjali 166A tad-dsatax (19) ta' Dicembru 2016 bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-konvenut.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**